MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 292/2011

**Il-Pulizija**
**(Sp Victor Aquilina)**

**vs.**

**ReePaula Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Reepaula Vella ta' 23 sena bint il-mejjet Stephen Vella u Rita Grace nee' Thornton, mwielda Pieta fis-27 ta' Lulju 1987 u residenti App Indipendenza Block 1 Ent B, Flat 3, Triq l-Ghassieli Kalkara, ID 386887 (M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Ottubru 2010:

(a) bieghet jew xort'ohra ttraffikat ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U iktar talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ Ottubru 2010 u fil-hames snin ta’ qabel:

(b) kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkonceditielha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

Kunsiderazzjonijiet dwar piena

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li kkoperat mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali aggornata netta u li fl-istqarrija qalet li ilha madwar 5 snin tabbuza mid-droga cannabis.

Fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2012, l-ufficjal prosekutur ddikjara li dan il-kaz huwa ta’ trafficking by sharing.

Omisses

Illi fl-istqarrija taghha l-imputata qalet hekk:

'Illum kont ir-Rinella flimkien ma Tyron Mifsud u Gabriel Spiteri fil-karozza ta' Tyron Mifsud. Kelli joint lest minn qabel u morna hemm hekk biex nehduh flimkien. Naf li kienu jiehdu smoke u ghalhekk meta ltqajna ghidtilhom jekk riedux li mmorru niehdu joint flimkien u qablu. Waqt li konna qed niehdu l-joint flimkien, gew il-pulizija, ghamlu tfittxija fuq Tyron u Gabriel u that Gabriel sabu r-roach li konna ghadna kif uzajna flimkien. Jien minn raja tajthom bicca smoke li kelli gol-but.'

Minn din l-istqarrija jirrizulta li l-elementi sabiex jista jinghad skond il-ligi li kien hemm trafficking by sharing huma sodisfacenti.

Pero t-tieni imputazzjoni ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis ma jistax jitqies li huwa assorbit fl-ewwel imputazzjoni ta' traffikar stante li ma jirrizultax mill-provi li l-imputata kienet bi hsiebha tikkonsma l-bicca rezina li sabulha fuqha l-pulizija flimkien maz-zewgt ihbieb taghha u inoltre fl-istqarrija l-imputata stess ammettiet li kienet ilha hames (5) snin tabbuza mid-droga cannabis.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) u 22 (9) tal-Kapitolu 101 ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tsservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------